MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 828/2004

**Equipment Hire Ltd**

**vs**

**Raphael Degiorgio**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta’ April 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbgha mija u hamsa u sebghin lira Maltin u zewg centezmi (Lm475.02) rapprezentanti prezz ta’ kiri ta’ ghodda dovuta bis-socjeta attrici, liema ghodda giet mikrija fuq struzzjonijiet tieghu stess, skond kuntratt li jgib in-numru 15984 datat 14 ta’ Novembru 2003.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 2 ta’ Marzu 2004 u bl-imghax legali mid-data tal-kuntratt relattiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u hamsa u sebghin lira Maltin u zewg centezmi (Lm475.02), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------